MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2777/1999/1

**Lawrence Farrugia u Anton Gellel fil-kwalita' taghhom ta' President u Kaxxier rispettivament tas-Socjeta' Muzikali Banda Vittoriosana San Lawrenz ghan-nom u in rappresentanza tal-istess**

**vs**

**Noel Castillo, Noel Gauci u Lawrence Mifsud fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Kaxxier rispettivament tal-Ghaqda Socjali 10 ta' Awissu Vittoriosa ghan-nom u in rappresentanza tal-istess**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' muzikali attrici fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' muzikali attrici ilha formata sa mis-sena 1883 u dan taht l-isem ta' Duke of Edinburgh Band Club; fil-1978 l-isem taghha gie mibdul ghal-Socjeta' Muzikali

Banda Vittoriosana San Lawrenz, l-aktar maghrufa bhala Banda jew Socjeta' Muzikali San Lawrenz (Dok. A u B);

Illi ghall-snin twal minn kemm ilha formata din il-Banda attrici, hija kienet l-unika Banda fil-Belt Vittoriosa taht il-padrun ta' San Lawrenz, izda fil-1999, tfettxet Banda ohra gdida bl-isem ta' Socjeta' Muzikali San Lawrenz, isem li qed iwassal ghall-konfuzjoni mal-Banda attrici f'mohh il-pubbliku;

Illi inoltre l-ghaqda konvenuta adottat arma li l-'graphics' taghha jixbhu hafna dik tal-ghaqda attrici li ilha simbolu tal-Banda attrici sa mill-bidu taghha;

Illi dawn is-similjanzi qed ikunu ta' pregjudizzju u tfixkil ghall-Ghaqda attrici, perss li qed jinholoq tahwid u konfuzzjoni f'mohh il-pubbliku;

Illi l-Ghaqda attrici talbet u ottjeniet l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni (numru 5347/99) kontra l-Ghaqda konvenuta biex din tigi mizmuma milli tkompli taghmel uzu mill-isem "Socjeta' Muzikali San Lawrwnz" bhala l-isem tal-Banda taghha, kif ukoll milli jkomplu juzaw, jesponu ghal-pubbliku, jiccirkulaw jew b'xi mod iehor jinqdew bl-arma tal-Ghaqda li r-riproduzzjoni tagha tidher fuq dokument hawn anness bhala Dok.C, jew bi kwalunkwe isem iehor jew arma li jistghu b'xi mod joholqu konfuzzjoni mal-isem u l-arma tal-Banda attrici;

Ghalhekk l-atturi nomine qed jitolbu li 1) jigi ordnat li l-Ghaqda konvenuta ma tkomplix taghmel uzu mill-isem "Socjeta' Muzikali San Lawrenz" bhala l-isem tal-Banda taghha, kif ukoll ma tkomplix tuza, tesponi ghall-pubbliku, ticcirkula jew b'xi mod iehor tinqeda bl-arma tal-Ghaqda li r-riproduzzjoni taghha tidher fuq dokument anness bhal Dok.C jew bi kwalunkwe isem iehor jew arma li jistghu b'xi mod joholqu konfuzzjoni mal-isem u l-arma tal-Banda attrici u (2) li jigi ordnat lill-Ghaqda konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tiddistruggi kull dokument, ittra jew haga ohra fejn hemm riproduzzjoni tal-isem u/jew l-arma n kwistjoni, u dana taht dawk il-komminazzjonijiet legali soliti ghall-min jidisprezza ordni tal-Qorti.

Bl-ispejjes, inkuzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 5347/99, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-ghaqda attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti nimine fejn gie eccepit li l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi huma bbazati fuq premessi u allegati fatti ghal kollox zbaljati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-listatax-xhieda taghhom.

Semghat lill-atturi Lawrence Farrugia u Anton Gellel u x-xhieda prodotti minnhom.

Rat li l-konvenuti nomine naqsu li jixhdu u li jipproducju l-provi taghhom.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt**

Jirriżulta illi s-socjeta muzikali attrici ġiet iffurmata fis-sena 1883 bl-isem ta' Duke of Edinburgh Band Club. L-isem taghha inbidel fil-1978 u ghaqda saret maghrufa bhala Socjeta' Muzikali Banda Vittoriosana San Lawrenz, u kienet ukoll tissejjah Banda jew Socjeta' Muzikali San Lawrenz.

Ghal snin twal l-imsemija banda attrici kienet l-unika banda fil-Belt Vittoriosa taht il-patrun taghha San Lawrenz. Għall-ħabta tal-1999, twaqqfet banda ohra gdida, taħt il-patrun San Duminku. Jidher li din it-tieni banda li hi rrappreżentata mill-konvenuti ġiet iffurmata minn

ex membri tal-banda attrici. Jirrizulta ukoll li t-tieni banda nghatat l-isem ta’ “Ghaqda Socjali 10 ta’ Awissu Vittoriosa.” Skond l-ghaqda attrici, pero’, t-tieni banda bidet tissejjah Banda San Lawrenz. L-ghaqda attrici tkompli tallega li l-ghaqda konvenuta, inoltre, adottat arma li tixbah hafna lil dik tal-Ghaqda attrici (vide dok C fol 32). Skond l-ghaqda muzikali attrici, dawn li hi ssejjah bhala “similjanzi”, qed joholqu pregjudizzju u qed ikunu ta’ tkixkil ghaliha stante li qed jinholoq tahwid u konfuzzjoni f’mohh il-pubbliku.

L-atturi jallegaw ukoll li l-Bank ukoll qed isib tfixkil minhabba l-isem taz-zewg baned. Tant hu hekk li huma gieli rcevew rendikonti tal-banda rappresentata mill-konvenuti. Dejjem skond l-atturi qed tinħoloq konfużjoni ukoll meta jsir gbir tal-fondi u meta jigu organizzati attivitajiet.

Minn naha taghha l-ghaqda muzikali rappresentata mill-konvenuit tippretendi illi hemm distinzjonni cara bejn isem u iehor u kwindi mhux qed tinholoq il-konfuzjoni allegata mill-atturi nomine. Inoltre l-istess ghaqda, fir-rigward tal-arma, ssostni li l-arma tal-banda taghha tinkorpora l-arma tal-Belt tal-Birgu, filwaqt illi l-arma wzata mill-atturi nomne ma’ tinkorporahiex. Il-konvenuti nomine jinsistu li l-fatt illi l-Banda rapprezentata mill-atturi ilha fformata mis-sena 1883 ma’ jaghti l-ebda dritt legali lill-atturi, li jzommu t-twaqqif ta’ xi Banda ohra fil-Birgu u li l-ghaqda attrici m’ghandhiex dritt esklussiv rigward l-uzu tal-isem ta’ San Lawrenz.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ ligi**

L-ghaqda muzikali konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li l-ghaqda muzikali attrici ilha magħrufa bl-isem ta’ Banda jew Socjeta’ Muzikali San Lawrenz sa’ mill-1978. Dan il-fatt lanqas ma hu kontradett mill-provi. Li gara hu li l-ghaqda muzikali attrici fis-sena 1999 ma baqgħetx l-unika banda fil-Belt Vittoriosa, in vista tat-twaqqif tat-tieni banda, cioe’ l-ghaqda muzikali konvenuta, fl-istess sena. Oriġinarjament il-banda konvenuta nghatat l-isem ta’ “Ghaqda Socjali 10 ta’ Awwissu Vittoriosa” pero’ dan l-

isem inbidel għal “Banda San Lawrenz.” Ghalhekk jista jinghad li l-ismijiet taz-zewg baned kienu kwazi identici u cioe’ l-isem tal-banda tal-ghaqda attrici kien “Banda (jew Socjeta’ Muzikali) San Lawrenz”, mentri l-isem tat-tieni kien “Banda San Lawrenz.”

Una volta li jirrizulta li l-imsemmi isem tal-banda tal-ghaqda muzikali attrici kien beda jintuza mis-sena 1978, filwaqt illi t-tieni banda bdiet tuza l-isem taghha fl-1999. La darba jirriżulta ukoll li l-ismijiet huma, tista tghid, identici u konsegwentement qed tinholoq konfuzjoni bejn banda u ohra kif ukoll tahwid fil-mohh tal-pubbliku in generali, is-socjeta’ muzikali konvenuta għandha tieqaf minnufih milli tkompli tuża l-isem ta’ “Banda San Lawrenz.”

Kwantu ghall-armi taz-zewg ghaqdiet muzikali ghandha l-ewwel issir referenza ghall-arma tas-socjeta muzikali attrici, li riproduzzjoni taghha hi esibita a fol.31, u l-arma tas-socjeta’ muzikali konvenuta, li riproduzzjoni taghha hi esibita a fol.32. Hu evidenti minn dawn ir-riproduzzjonijiet li l-grafika ta’ waħda tixbah ħafna dik tal-ohra. It-tnejn li huma għandhom il-kuruna fuq. Hu minnu li l-weraq fuq in-naħa tal-lemin tal-arma tal-Banda attrici, fl-arma tal-banda konvenuta huma fuq in-naħa tax-xellug. Nonostante l-imsemmija differenza minima, fl-opinjoni tal-Qorti, id-dehra taz-zeg armi hi simili ghall-ahhar.

Inoltre jista jigi rilevat li l-parti tan-nofs bil-kaxex hija iżgħar fl-arma tal-Banda konvenuta u l-biċċa ta’ isfel taz-zewg armi hi differenti. Il-parti ta’ isfel tal-arma tal-banda konvenuta tinkorpora id bix-xabla u din hi, in effett l-arma tal-belt tal-Birgu. Nonostante dawn id-differenzi, xorta waħda ghandu jinghad li ż-żewġ armi huma simili u ghalhekk facilment jikkreaw konfuzjoni f’mohh il-pubbliku in generali. Iz-zewg armi jixxiebhu hafna u jfixxklu lil min ikun qed jarahom, b’mod parikolari meta l-pubbliku jircievi xi fuljett dwar attivita u ma jkunx jista jigi facilment determinat min ikun qed jorganizza l-attivta’. Inoltre x-xebh fl-isem kif ukoll fl-armi qed jikkreja ukoll konfużjoni fil-kaz li xi wahda mill-baned torganizza gbir ta’ fondi.

In effett jirizulta li l-ghaqda muzikali konvenuta, fil-mori tal-kawza, biddlet isimha u issa qed tissejjah "Għaqda Soċjali u Mużikali 10 ta' Awwissu", kif ukoll biddlet l-arma tagħha. M'hemm dubju li wara dan il-konfużjoni naqset. Minkejja dan il-fatt ghandu jigi ordnat lill-ghaqda muzikali konvenuta li bl-ebda mod ma ghandha tuza l-isem "Socjeta' Muzikali San Lawrenz" u m'ghandhix tesponi ghall-pubbliku, ticcirkula jew b'xi mod iehor tinqeda bl-imsemmiha arma, li riproduzzjoni taghha tinsab a fol.32. Is-socjeta' muzikali konvenuta ghandha tigi inibita milli taghmel uzu ta' kwalunkwe isem jew arma li jistghu b'xi mod joholqu konfuzzjoni mal-isem u l-arma tas-socjeta' muzikali attrici. Inoltre ghandu jigi ordnat lis-socjeta' muzikali konvenuta sabiex fi zmien xahar millum tiddistruggi kull dokument, ittra jew haga ohra fejn hemm riproduzzjoni tal-isem u/jew l-arma in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi bili fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tordna li l-Ghaqda konvenuta tieqaf definittament milli taghmel uzu mill-isem "Socjeta' Muzikali San Lawrenz" bhala l-isem tal-Banda taghha, kif ukoll ma tkomplix tuza, tesponi ghall-pubbliku, ticcirkula jew b'xi mod iehor tinqeda bl-arma tal-Ghaqda li r-riproduzzjoni taghha tidher fuq dokument anness mac-citazzjoni u market dok.C jew bi kwalunkwe isem iehor jew arma li jistghu b'xi mod joholqu konfuzzjoni mal-isem u l-arma tal-Banda attrici u tordna lill-Ghaqda konvenuta sabiex fi zmien xahar millum tiddistruggi kull dokument, ittra jew haga ohra fejn hemm riproduzzjoni tal-isem u/jew tal-arma n kwistjoni, u dana taht dawk il-komminazzjonijiet legali soliti ghall-min jidisprezza ordni tal-Qorti.

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------